KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21 Tlieta 4 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:10 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Romilda B. Zarb – Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Joseph Gatt- Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Mikhail Micallef -Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Joseph Edward Howard – Kunsillier
Shirley Abela – Kunsillier

ASSENTI
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Angele Rapa - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

21.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, tal-Kunsilliera Joseph Edward Howard u Shirley Abela. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

21.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 20
**REF: 14.3.2 Two CCTV cameras sponsored by Regjun Tramuntana**
Is-Sindku nfurmat li r-Reġjun wasal biex jiftaħ it-tender.

**REF: 11.3.7 Komunikazzjoni – Diskussjoni re: Contracts Manager**
Is-Sindku nfurmat li qed nistennew li jintefaw l-*bids*.

**REF: 18.3.8 Komunikazzjoni – Bowsers ta' l-ilma Housing Estate**
Is-Sindku nfurmat li mar it-tieni *bowser.*

**REF: 11.4.15 PAMA**
Is-Sindku nfurmat li għalkemm is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet iktar min-emejl waħda, xorta għadna bla risposti mil-PAMA.

Rigward il-ktieb il-Kunsillier Camilleri nforma li għad jridu jiltaqaw ma l-awtur.

**REF: 19.4.4 Tal-Wej (Sta. Margerita)**
Il-Kunsillier Camilleri nforma li għanda niġu nfurmati biex l-iskip jkun provdut għal-ewwel ġimgħa ta' Settembru.

**REF: 19.5.3 Approvazzjoni- Ingaġġ ta' skrivan skala 15**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li l-ingaġġ ta' skrivan skala 15, waslet fl-istadju fejn irridu nirċievu l-lista mil-Jobsplus Part 1.

**REF: 18.3.3 Komunikazzjoni Bye Laws Ġonna u Ħamiem**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-bye law tal-ħamiem issa lesta bil-Malti wkoll, u jmiss li nagħmlu avviż f'żewġ gazzetti lokali skond is-sub artiklu 35.
Il-membri preżenti approvaw biex jsir l-avviż.

**REF: 20.5.8 Gabbani, Imwejjed/Imwejjed tal-Qubbajd u Siġġijiet**
Il-KunsillIer Cassar nforma li wara diskussjonijiet flimkien mal-Paroċċa u mal-Kurja, kif wkoll laqgħat li saru mal-Pulizija, sforz iċ-ċirkustanzi tal-COVID 19 twaqqfu l-avvenimenti kollha marbuta mal-festa, ħlief in-nar ta' l-arju.

**REF: 20.5.10 – Festival tan-nar**
Is-Sindku nfurmat li s'issa dan il-festival għadu pjanat li ħa jsir fit 2, 3 u 4 ta' Ottubru 2020.
Jekk ma jinbidlux il-pjanijiet minħabba ċ-ċirkustanzi COVID 19, il-festival ġewwa l-Mosta ħa jsir fit-3 ta' Ottubru, fejn ħa jkun hemm kunċert, erba' baned jduru mat-toroq u nar ta' l-art.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 20 .

21.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

21.3.1- Kommunikazzjoni - Skema ta Fondi -LC Care Project

Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat lil membri preżenti li dawn il-fondi ħa jitqassmu hekk kif inhu ġej:

- Ikel – ħa jinżamm reġistru tal *cat feeders* biex l-ikel jitqassam b'mod ġust
- Spejjez mediċinali
- Tindif
- Trasport għal-*neutering*
- VET Services

21.3.2 Kommunikazzjoni-Extension Change Request Review Board Decision Measure 4.4

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li sforz iċ-ċirkustanzi tal-Covid 19, id-DLG t'għana permess li nestendu dan il-proġett sa Diċembru 2020.
Il-Kuntrattur talab 15,000 Ewro bil-quddiem minħabba li s-sitwazzjoni COVID-19 ġabet lil ħafna fi stat ta' xogħol wieqaf. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma laqgħatx it-talba tal-kuntrattur u talbet lil kuntrattur biex jikteb lil Dipartiment bil-problema tiegħu.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li ħa ssir laqgħa flimkien mal-perit tal-Kunsill, l-Kuntrattur, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**21.3.3 Kommunikazzjoni- Quote for Belisha Lights in Triq Franġisku Pisani**
Is-Sindku nfurmat li l-kwotazzjoni biex jsiru Belisha lights fi triq Franġisku Pisani, jiswew €2,596 inkluż VAT.
Il-membri preżenti approvaw l-kwotazzjoni u talbu konferma jekk dawn il-*lights* humiex dawk li għandhom pupu/raġel jimxi indikat bid-dawl.

**21.3.4 Kommunikazzjoni - quotes for supply and installation of 2 cctv cameras with pole in 2 different zones in Mosta**
Is-Sindku nfurmat li *supply* u installazzjoni €2,200 għal kull *camera.*
Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera u kien hemm qbil unanimu biex tintalab kwotazzjoni lil kuntrattur FARO Group li diġà nużaw, biex jipprovdi kwotazzjoni għal żewġ *cctv cameras with pole,* u jiġi kkupjat il-Kunsillier Cassar.

**21.3.5 Kommunikazzjoni - Triq Carmelo Schembri - Issir One Way**
Is-Sindku nfurmat li waslet talba biex triq Carmelo Schembri ssir *one-way*. Uħud mil-Kunsilliera qablu li ma jaqblux li triq waħda tkun *one-way,* imma jrid jkun hemm pjan ħolistiku għat-toroq tal-madwar.
Il-membri preżenti unanimament qablu li triq Carmelo Schembri tkun parti min pjan ta' *traffic management*, mil-eżerċizzju li qed jsir mil Viċi Sindku fuq it-toroq tal-Mosta responsabbli mid-dekasteru tat-*traffic managment*.

**21.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**21.4.1 Bieb taċ-Ċentru Ċiviku**
Il-Kunsilliera Bonnici talbet jekk wieħed mil-bibien t'isfel li qiegħed fid-daħla taċ-Ċentru Ċiviku, jistax jsir *sliding* bl-elettriku biex jkun aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex jinġabru l-kwotazzjonijiet.

**21.4.2 Collaboration on Green Spaces**
Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li rċevejna emejl min NGO fejn għandhom proġett ambjentali u ntalbu jikkuntattjaw il-Kunsilli. Il-Kunsilliera Bonnici qalet li flimkien mal-Kunsillier Gatt identifikaw żewġ siti, fejn ħa jkellmu lil-Kuntrattur tal-Kunsill tal-Parks and Gardens. Iktar *updates* dwar dan il-proġett jingħataw iktar il-quddiem fil-laqgħa li jmiss.

**21.4.3 Triq Nicolo Isouard k/m Triq l-Isperanza**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li triq Nicolo Isouard k/m triq l-Isperanza, is-sewwieqa qegħdin jaqtaw fil-qasir fid-dawra, u jispiċċaw fil-*lane* opposta fejn it-traffiku jkun ġej bil-kontra. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li reċenti kellimha l-*handyman* tal-Kunsill fuq l-istess problema, fejn ser jsiru linji ma l-art.

**21.4.4 Monti**
Is-Sindku nfurmat lil membri preżenti li hemm bżonn jiltaqa' l-Kunsill biex jiġi diskuss il-bżonn li l-monti jiġi relokat.

**21.4.5 Bandli Zokrija**
Il-Kunsillier Gatt staqsa kif m'hemmx tabelli biex ma jintużax dan il-ġnien sakemm jitlesta l-proġett. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tinforma lil-kuntrattur li huwa fl-obbligu tiegħu li jara li jekk ħalla xi ħofra miftuħa, dan irid jagħmel mezz li s-sit għandu jitħalla sikur, sakemm qed jsiru ix-xogħolijiet.

Fit-7:50pm il-Kunsilliera Bonnici talbet biex tiġi skużata mil-laqgħa.

### 21.4.6 San Pawl tal-Qlejja

Il-Kunsillier Gatt nforma li fi triq San Pawl tal-Qlejja inqala l-istage peress li qed jsiru ix-xogħolijiet min Infrastructure Malta. Is-Sindku nfurmat li tkellmet mas-Sur Ellul biex jerġa jibda s-servizz tat-Trasport Pubbliku fejn min informazzjoni li kisbet anke mil-Perit ta' Infrastructure Malta, it-triq għanda tinfetaħ sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa, u ħa jerġa jiġi nstallat l-*bus shelter.*

Il-Kunsillier Gatt nforma li kif jitpoġġa lura f'postu il-*bus shelter,* issa ser tinħoloq problema għax qabel kien hemm daħla fejn tidħol tal-linja, u din ma reġatx saret min Infrastructure Malta. Il-Kunsillier Cassar nforma li jekk jressquħ lejn il-pont, hemmhekk hemm post fejn tista' ġġenneb l-ġewwa tal-linja.

### 21.4.7 Dimensja

Il-Kunsillier Deguara nforma li Settembru huwa x-Xahar Dinji tal-Alzheimer. Kull sena ssir kampanja internazzjonali biex titqajjem kuxjenza dwar l-istigma li jdawwar il-kundizzjoni tad-dimensja. Il-Kunsillier Deguara nforma li għalkemm xtaq li ssir xi forma ta' diskussjoni fuq din il-materja, qegħdin fi żmien diffiċli.

Il-membri preżenti qablu li aħjar jitħalla ftit taż-żmien ieħor jgħaddi minħabba l-problemi tal-pandemija covid-19, u ssir aktar il-quddiem meta iċ-ċirkustanzi jkunu aħjar.

### 21.4.8 Tintinnabru

Il-Kunsillier Deguara staqsa jekk id-DLG irrispondewx dwar l-approvazzjoni tat-Tintinabbru. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ma kienx approvat mid-DLG, konna bagħtna emejl oħra nispjegaw il-pożizzjoni tal-Kunsill, kif wkoll reċentement is-Sindku reġgħet staqsiet lid-Direttur Pisani, pero' m'hemx risposta fl-affirmattiv li jista jsir it-Tintinnabru.

### 21.4.9 Siġar

Il-Kunsillier Camilleri nforma li avviċinawħ grupp ta' nies li jorganizzaw mixjiet barra min Malta, bħal mixja ta' Santiago, fejn talbu biex jħawlu siġar fil-Mosta. Il-Kunsillier Camilleri nforma li għandna nindikaw post fejn dawn jkunu taħt ir-responsabiltà tal-kuntrattur tagħna.

### 21.4.10 Ġnien wara il-Mitħna l-Qadima

Il-Kunsillier Camilleri nforma li l-ġnien ta' wara l-Mitħna l-qadima li suppost qegħdin jieħdu ħsiebu r-Ramblers, ilu mitluq għal ħafna żmien. Dan il-ġnien jinsab kantuniera fi Triq il-Mitħna, Triq il-Bdoti u Triq ta' Vnezja.
Il-Kunsillier Camilleri ssuġġerixxa li dan il-ġnien jiġi devolut lil-Kunsill biex ma jibqax mitluq. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tikteb lil Lands Dipartiment biex mingħand ir-Ramblers jerġa jieħdu lura f'idejh il-Kunsill.

### 21.4.11 CCTV Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Cassar nforma li meta kien Sindku, Ambjent Malta wara li lestew ix-xogħolijiet, talbu l-Kunsill biex jibda jieħu ħsieb il-ġnien u jinstalla CCTV kameras. U għalkemm il-Lands nfurmawna li dan il-Ġnien mhux devolut lil Kunsill u lanqas Ambjent Malta, qed jiġi mistenni mil-Kunsill biex jieħu ħsieb dan il-ġnien.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil Kunsilliera li kienet għamlet talba lil Lands biex nibdew il-proċess ta' devoluzzjoni, però għad ma rċevejna xejn.

### 21.4.12 Trasport għal-Anzjani

Il-Kunsillier Cassar staqsa x'sar mil-proposta elettorali għat-trasport ta' l-anzjani fil-lokalità. Kien hemm żmien fejn kien hawn it-TukTuk. Is-Sindku nfurmat li bħalissa ġewwa l-Mosta m'għadux it-TukTuk imma hawn servizz mil-Active Aging Community tas-Silver T.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li tkellmet ma rappreżentant tal-Active Ageing fejn qed jkun hawn van temporanju tal-kiri għat-trasport ta' l-anzjani, imma iktar il-quddiem ħa jkun hawn vettura taħdem bl-elettriku.

### 21.4.13 Parkeġġ

Il-Kunsillier Cassar staqsa x'sar mil proposta elettorali fejn kellu jsir parkeġġ fil-Pjazza. Is-Sindku nfurmat li kienet tkellmet mal-Ministru ta' dak iż-żmien imma sfortunatament minħabba ċertu ċirkustanzi peress li l-Ministeru nbiddel dan il-proġett jidher li waqa', u għalhekk iridu jerġaw jibdew id-diskussjonijiet.

### 21.4.14 Fanali Antiki

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm xi fanal fil-pjazza li huwa mdawwar. Dawn hemm bżonn jinbidlu għax diġà tneħħa wieħed li kellu l-ħsara. Il-membri preżenti qablu li dawn l-arbli tad-dawl fil-pjazza jinbidlu, u jkunu parti mit-tender tal-fanali li ħa jsiru bil fondi tad-Development Funds.

### 21.4.15 Jum il-Mosta

Il-Kunsillier Camilleri nforma li għamel xi emendi żgħar fir-regolamenti li nqraw waqt il-laqgħa mis-Sindku u ġew diskussi għal approvazzjoni tal-Kunsilliera. Dawn l-istess regolamenti ħa jiġu ċċirkulati mal-Kunsilliera. Lejn l-aħħar tal-ġimgħa jinħarġu l-applikazzjonijiet li ħa jkunu miftuħin sa l-aħħar t'Awissu.

## 21.5 Rapporti

### 21.5.1 Interview Community Inclusive Scheme

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li irċevejna applikazzjoni waħda, li għad trid tiġi evalwata.

### 21.5.2- Update- Ingaġġ ta' skrivan Skala 15

Bagħtna email lil Jobs Plus biex ninfurmawhom biex jibgħatulna lista minn naħa tagħhom. Huma infurmawna lura li lista ser jibgħatuha din il-ġimgħa.

## 21.6. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

### 21.6.1 Skeda ta Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 106.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 10 ta' Lulju sal-4 ta' Awwissu 2020.

### 21.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 21.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

### 21.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-petty cash.
Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta Lulju 2020. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

## 21.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:00 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għas-7 ta' Settembru 2020 fis-6:00pm.

Konfermati llum 4 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |